

7.2.2018

B8-0082/2018 }
B8-0084/2018 }
B8-0091/2018 }
B8-0092/2018 }
B8-0095/2018 }
B8-0097/2018 }
B8-0103/2018 } RC1/Em. 4

Emenda 4

Harald Vilimsky, Mario Borghezio, Matteo Salvini
f'isem il-Grupp ENF

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD

Is-sitwazzjoni attwali tad-drittijiet tal-bniedem fit-Turkija

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

N. billi, minkejja l-fatt li l-Kostituzzjoni Torka tipprevedi l-libertà ta' twemmin u ta' qima u t-tixrid privat ta' ideat reliġjużi u tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għal raġunijiet reliġjużi, il-minoranzi reliġjużi xorta waħda jiffaċċjaw attakki verbali u fiżiċi, stigmatizzazzjoni u pressjoni soċjali fl-iskejjel u fil-ħajja pubblika, diskriminazzjoni u problemi rigward il-possibbiltà li jistabbilixxu legalment post ta' qima;

Emenda

N. billi, minkejja l-fatt li l-Kostituzzjoni Torka tipprevedi l-libertà ta' twemmin u ta' qima u t-tixrid privat ta' ideat reliġjużi u tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għal raġunijiet reliġjużi, il-minoranzi reliġjużi xorta waħda jiffaċċjaw attakki verbali u fiżiċi, stigmatizzazzjoni u pressjoni soċjali fl-iskejjel u fil-ħajja pubblika, diskriminazzjoni u problemi rigward il-possibbiltà li jistabbilixxu legalment post ta' qima; **billi l-wirt kulturali nisrani ġarrab ħsarat serji jew jinsab meqrud; billi t-Turkija ilha tiffaċċja radikalizzazzjoni Iżlamika allarmanti mindu ħadu l-ħakma l-President Erdogan u l-partit tiegħu, l-AKP;**

Or. en

AM\1145502MT.docx

PE614.391v01-00 }
PE614.393v01-00 }
PE614.400v01-00 }
PE614.401v01-00 }
PE614.404v01-00 }
PE614.406v01-00 }
PE614.412v01-00 } RC1

7.2.2018

B8-0082/2018 }
B8-0084/2018 }
B8-0091/2018 }
B8-0092/2018 }
B8-0095/2018 }
B8-0097/2018 }
B8-0103/2018 } RC1/Em. 5

Emenda 5

Harald Vilimsky, Mario Borghezio, Matteo Salvini
fisem il-Grupp ENF

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD

Is-sitwazzjoni attwali tad-drittijiet tal-bniedem fit-Turkija

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Emenda

5a. Jitlob l-irtirar immedjat tal-forzi armati Torok mit-territorju Sirjan u għal waqfien mill-ġlied immedjat; jenfasizza li għandha tittieħed kull miżura possibbli biex tiġi evitata kriżi umanitarja ġdida; jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe azzjoni militari ulterjuri fis-Sirja mill-forzi militari Torok; jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni umanitarja fir-reġjun; jibża' li l-offensiva tal-Armata Torka tista' twassal għal kriżi tar-rifuġjati ġdida f'dawn l-inħawi, minħabba li diġà hemm 5 000 persuna spustjati fir-reġjun, u li dan jista' jaffettwa wkoll lill-Ewropa u l-UE; ifakkar lill-Gvern Tork li l-milizzja lokali Kurda hija alleata importanti fil-ġlieda kontra d-Da'esh u organizzazzjonijiet terroristiċi Iżlamiċi oħrajn;

Or. en

AM\1145502MT.docx

PE614.391v01-00 }
PE614.393v01-00 }
PE614.400v01-00 }
PE614.401v01-00 }
PE614.404v01-00 }
PE614.406v01-00 }
PE614.412v01-00 } RC1

7.2.2018

B8-0082/2018 }
B8-0084/2018 }
B8-0091/2018 }
B8-0092/2018 }
B8-0095/2018 }
B8-0097/2018 }
B8-0103/2018 } RC1/Em. 6

Emenda 6

Harald Vilimsky, Mario Borghezio, Matteo Salvini
fisem il-Grupp ENF

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD
Is-sitwazzjoni attwali tad-drittijiet tal-bniedem fit-Turkija

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

15. *Itenni l-pożizzjoni tiegħu ta' Novembru 2017 li fiha talab li l-fondi merfugħa għall-awtoritajiet Torok taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPAI) jkunu kundizzjonali għal titjib fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, u, fejn possibbli, jingħataw minflok lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tqis l-iżviluppi fit-Turkija matul ir-rieżami tal-fondi tal-IPA, u wkoll biex tippreżenta proposti konkreti dwar kif l-appoġġ għas-soċjetà ċivili Torka jista' jiżdied;*

Emenda

15. *Jistieden lill-Istati Membri jwaqqfu għalkollox u mingħajr dewmien in-negozjati dwar l-adeżjoni tat-Turkija mal-UE; jitolb li jiġu sospiżi definittivament il-fondi ta' qabel l-adeżjoni u li jiwaqqfu n-negozjati dwar l-unjoni doganali bejn l-UE u t-Turkija;*

Or. en

AM\1145502MT.docx

PE614.391v01-00 }
PE614.393v01-00 }
PE614.400v01-00 }
PE614.401v01-00 }
PE614.404v01-00 }
PE614.406v01-00 }
PE614.412v01-00 } RC1